


# Mal-mixja tas-Snin

**Kitba ta' Anton Fenech**

Hawnhekk ser nagħtu ħarsa lejn xi anniversarji li jfakkruna f'xi wħud mill-opri li għandna fil-knisja tagħna u llum jagħmlu parti mill-patrimonju tal-knisja tagħna.

### 1723 – 295 sena ilu

F'dik is-sena kienet tlestiet l-iskultura kollha tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali li kienet tikkumplimenta t-titular ta' Mattia Preti. Din l-iskultura barokka, kienet tinkorpora fiha erba' kolonni, tnejn fuq kull naħa. Bejn il-kolonni tpoġġew żewġ statwi ta' San Pietru u San Pawl. Wara li partijiet mill-knisja ġġarfu mill-attakki tal-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija, din il-prospettiva nbidlet ma' dik eżistenti fuq disinn ta' Ġeraldu Spiteri. Mill-iskultura, llum fadal biss l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li jinsabu fiċ-Ċimiterju tal-Parroċċa, kif ukoll ras il-figura ta' Sant'Andrija li kienet parti mill-iskultura li tirrappreżenta lill-qaddis fil-glorja.

### 1838 – 180 sena ilu

Beda jinħadem l-Altar Maġġur il-qadim. Dan l-artal, li dam jinħadem sentejn u kien lest fl-1840, inqered fit-Tieni Gwerra Dinjija.

### 1833 - 185 sena

F'din is-sena inġieb il-korp sant ta' San Feliċissimu mill-Katakombi ta' Santa Ġirijaka f'Ruma. Illum, San Felicissimu, wara li sar restawr fuqu, jinsab f'niċċa fil-ġenb tal-artal tal-agunija u hekk din l-opra tal-arti tista' titgawda minn kulħadd.

### 1878 - 140 sena

F'din is-sena tlestiet l-istatwa tal-ġebel ta' Sant'Andrija *ta' Wied il-Knejjes* fi Triq il-Karmnu sabiex tfakkar it-twaqqif tal-ewwel formazzjoni Mużikali La Stella. Nhar is-16 t'Ottubru, l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Carmelo Scicluna ta indulġenza plenarja ta' erbgħin jum għal kull min jirreċita *Pater, Ave u Gloria* quddiem din ix-xbieha qaddisa.

### 1883 -135 sena ilu

Fil-funzjoni solenni tal-quddiesa ta nofs il-lejl, nhar il-Milied ta' dik is-sena, it-tfajjel Ġorġ Sapiano għamel għall-ewwel darba f'pajjiżna l-prietka tal-Milied. Tradizzjoni li bdiet mill-parroċċa ta' Ħal Luqa.

### 1908 – 110 sena ilu

Il-Pittur Ġużeppi Calì huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa artisti tal-bidu tas-







seklu għoxrin. Calì twieled il-Belt Valletta nhar l-14 ta' Awwissu 1846. Fost il-ħafna xogħlijiet li wettaq, insibu dawk li għamel għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa bejn l-1906 u l-1916. F'dan il-perjodu, l-Knisja Parrokkjali kienet waslet fl-aħħar fażi tagħha wara l-bini tan-navi u l-ewwel biċċa xogħol li kien ikkummissjonat Cali, kien il-Kwadru tal-Qalb ta' Ġesù, liema kwadru tlesta f'Ġunju tal-1906. Dan il-Kwadru intogħġob ferm u l-Kappillan ikkumissjonah biex jaħdem il-kwadri tan-Nattività, ta' San Duminku u ta' San Mikiel. It-tliet kwadri tlestew u żżanżnu għall-Festa ta' Sant'Andrija tal-1908.

### 1913 - 105 sena ilu

Il-Festa tal-1913 f'Ħal Luqa kienet waħda importanti ħafna. Dan għaliex dik is-sena kienet ġiet restawrata u ndurata l-Istatwa ta' Sant'Andrija, xogħol li huwa attribwit lill-iskultur Giuseppe Scolaro. Ir-restawr kien sar mill-iskultur Bormliż Abram Gatt li kien ukoll preżenti għal din l-okkażjoni. Dun Ġużepp Micallef jgħid li "għal xit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, dehru ġejjin lura bl-istatwa mgħottija fuq spallejhom. Il-Ħalluqin bi ħġarhom kienu qed jistennewhom fit-tarf tan-niżla tar-raħal". Hekk kif rat x'dehra sabiħa rnexxielu jagħtiha l-iskultur Bormliż, il-folla nfexxet f'ċapċip kbir. L-Orkestra San Andrea ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet Liturġiċi ġewwa l-Knisja Parrokkjali fejn akkumpanjat it-tridijiet filwaqt li f'Lejliet il-Festa esegwiet Programm Mużikali fil-Pjazza tar-Raħal.

### 1928 – 90 sena ilu

Sar sett qniepen, wieħed mill-isbaħ li hawn f'pajjiżna li saru fil-funderija ta' Prospero Baricozzi ta' Milan fl-Italja, Il-qniepen inġiebu hawn Malta nhar il-15 t'Ottubru u ġew imbierka mill-isqof Mauro Caruana fis 27 t'Ottubru waqt li l-qniepen kienu qegħdin fuq iz-zuntier. Dakinhar ħadu sehem ukoll iż-żewġ baned Sant'Andrija u l-Unjoni fejn ferħu li dawk preżenti bid-daqq ta' marċi fil-pjazza. Il-qanpiena l-kbira tpoġġiet f'postha nhar il-Ħadd 18 ta' Novembru u magħha tela' Ġorġ Pulo li beda jwaddab diversi sunetti. Il-qniepen l-oħra telgħu fil-jiem ta' wara.

### 1958 – 60 sena ilu

F'din is-sena tlestew u tqiegħdu f'posthom is-sedji tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali. Dawn is-sedji nħadmu mill-imgħallem Ġużeppi Galea. Jingħad li l-Kappillan Dun Ġużepp Debono, xtaq li s-sedja tal-Kappillan tkun iddur mal-Pilastru. Dan is-suġġeriment ma ntlaqax mill-Perit Andrea Micallef. Ix-xogħol dam



wieqaf madwar sena sakemm tkompla mill-Kappillan Dun Innoċenz Borg.

## 1968 – 50 sena ilu

Ir-raħal ta' Ħal Luqa u n-nies tiegħu kienu l-protagonisti ta' dokumentarju bi produzzjoni tal-*Australian Broadcasting Commission.* Dan id-dokumentarju bl-isem ta' *Two Trumpets for St Andrew* wera l-ħajja fir-raħal ta' Ħal Luqa, raħal tipiku Malti mdawwar bl-għelieqi u l-kampanja. Id-dokumentarju wera siltiet mill-kunċerti li s-Soċjetajiet Mużikali kienu għaddejjin bihom bi preparazzjoni għall-Festa Titulari, u ntervista numru ta' persuni, fosthom is-Sur Johnny Calleja, kurunnettista solo mal-Banda Sant'Andrija u l-Banda tar-*Royal Air Force.* Id-dokumentarju ma naqasx li jitratta l-kwistjoni Politiko Reliġjuza li dak iż-żmien kienet għaddejja fl-aqwa tagħha b'intervisti mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr George Borg Olivier u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Perit Duminku Mintoff. Dan id-dokumentarju għadu mfittex sal-lum il-gurnata, tant li mhux l-ewwel darba li siltiet minnu jintwerew fuq uħud mill-istazzjonijiet lokali bħala parti minn xi dokumentarju. Kienet inizjattiva ferm sabiħa li dan id-dokumentarju jintwera f'Ħal Luqa permezz ta' *solar camera*, attività li ġiet imtella' nhar it-22 ta' Mejju 2018 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qed isiru mill-Fondazzjoni Valletta 2018.

## 1978 – 40 sena ilu

Riefnu qalil fil-lejl tas-16 ta' Jannar ta' din is-sena qaleb l-Istatwa tar-Redentur tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali, xogħol fil-ġebel ta' Franġisku Saverju Sciortino fl-1911. B'xorti tajba, l-Istatwa waqgħet għal fuq il-bejt tal-knisja u ma sofrietx ħsara kbira. Wara li kienet irrestawrata mill-Kav Alfred Camilleri Cauchi, reġgħet ittellgħet fuq pedestall li nħadem mill-ġdid u ogħla minn dak li kien hemm qabel.

## 2013 - 5 snin ilu

L-Istatwa ta' Sant'Andrija sarilha intervent ieħor ta' restawr minn Publio Magro tal-Furjana. L-inawgurazzjoni ta' dan ir-restawr sar nhar it-Tnejn, l-1 ta' Lulju fil-jum tal-ħruġ min-niċċa. Dakinhar, l-Banda Sant'Andrija daqqet f'din l-okkażjoni memorabbli.

## 2018 - Festa Kristu Rxoxt

Wara snin ta' stennija saret l-istatwa ta' Kristu Rxoxt mill-artist Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi. Din l-istatwa minquxa fl-injam ġiet imħallsa mis-Sur Ciappara filwaqt li benefatturi oħra ħallsu partijiet oħra. Ġiet irrestawrata l-bradella l-antika li kienet tintuża għall-istatwa ta' Ġuda, saru erba' gastri ġodda u nħadem qabar tal-injam mis-sur George Mifsud. Ħajr għal dan ix-xogħol kollu wkoll liż-żewġ kappillani Fr Gordon u Fr Michael li flimkien mal-grupp armar tal-knisja u l-grupp tal-Ġimgħa l-Kbira ħadmu sabiex dan il-proġett isir realtà. Il-jum tal-1 t'April 2018 ser jibqa' minqux fostna bħala jum storiku li konna ilna nistennew ferm. Dan rajnieh hekk kif tfaċċat l-istatwa ta' Kristu Rxoxt fil-bieb tal-Knisja fejn l-emozzjoni tan-nies kienet evidenti. Dakinhar, sa minn kmieni filgħodu fir-raħal, kienet tinħass fl-arja li kienet ser tkun festa kbira, u fil-fatt hekk sar għaliex il-Ħalluqin magħqudin flimkien taw merħba kbira lil din l-istatwa. L-għaqda nħasset aktar minn qatt qabel anke għall-fatt li ż-żewġ baned Ħalluqin daqqew flimkien għall-ewwel darba waqt festa tal-parroċċa. Rajna wkoll is-sehem tal-fratellenzi tal-parroċa tagħna li hija xi ħaġa ferm pożittiva wara nuqqas ta' diversi snin. Issa fil-preżent l-istatwa tinsab għand l-induratur Publio Magro sabiex issirilha l-induratura.

### Festa *Corpus Christi*

Mument sabiħ ieħor kien meta ġiet inawgurata t-tribuna li kienet tintrama għall-festa ta' *Corpus Christi* wara li sarilha restawr estensiv. Hawnhekk saret festa akbar minnn tas-soltu fejn din it-tribuna reġgħet intramat f'Misraħ il-Knisja.

Qabel il-Festa ta' *Corpus Christi*, kienet tiġi ċċelebrata l-Ħamis wara l-festa tat-Trinità u kienu jsiru żewġ purċissjonijiet: waħda filgħodu u oħra filgħaxija. Kull familja kienet toħroġ il-qsari quddiem id-dar tagħha f'dawk it-toroq li minnhom kienet tgħaddi l-purċissjoni ta' *Corpus*. Purċissjoni oħra kienet issir ukoll il-ġimgħa ta' wara, fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Din it-tribuna kienet tintrama fin-nofs ta' Misraħ il-Knisja kif juru diversi ritratti li nsibu. It-tribuna kienet tkun dekorata b'ħafna qsari u xemgħat u t-tfal li jkunu għamlu l-preċett, flimkien man-nies tar-raħal kienu jinġabru madwar din it-tribuna fejn wara xi kant ta' innijiet ewkaristiċi u prietka żgħira, kienet tingħata l-Barka Sagramentali minn fuqha. Għal xi snin, mill-gallariji tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kienet tindaqq fanfarra waqt il-Barka Sagramentali. Wara li t-tribuna kienet inħarqet u ma baqgħetx tintuża iżjed kienet tintrama biss mejda quddiem id-dar tal-familja Ciappara f'Misraħ il-Knisja. Meta *Cospus Christi* kien jaħbat ġimgħa qabel il-festa titulari ġieli ntuża wkoll il-planċier tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.

### Konklużjoni

Din hija parti mill-istorja tagħna li llum, għalkemm ħafna minn dawn l-opri li semmejna għadda ħafna żmien minn fuqhom xorta waħda għandna ngawduwhom. Huwa fid-dmir tagħna li nkomplu nirrestawraw u nippreservaw dawn l-opri tal-arti li juru l-imħabba li missirijietna kellhom lejn il-knisja. Hekk nerġgħu nagħtu ħajja lit-tradizzjonijiet antiki li kienu l-għeruq tal-Kristjaneżmu f'pajjiżna filwaqt li ngħadduwhom ukoll lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

### Referenzi


*Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha – Dun Ġużepp Micallef – 1983*

*L-Għaqda Mużikali twelidha u Ġrajjietha – Jesmond Grech – Għaqda Mużikali Sant'Andrija 2008*

*370 Parroċċa Sant'Andrija – Luqa Għaqda Mużikali Sant'Andrija – Luqa 2004*

http://steno.webs.com/luqa/parish

*Qniepen f'Malta u Għawdex, u f'Pajjiżi Oħra ta' Joseph Goggi.*


